

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000111/2018**

### **lill-Kunsill**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Josef Weidenholzer, Birgit Sippel**

f'isem il-Grupp S&D

Suġġett: Il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali

Sentejn ilu, il-Parlament adotta rapport fuq inizjattiva proprja leġiżlattiv dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRF). Ir-riżoluzzjoni tirrakkomanda l-istabbiliment ta' Patt interistituzzjonali tal-UE għad-DRF<sup>1</sup>. Tali patt ikun jinkludi Rapport DRF annwali dwar il-konformità tal-Istati Membri mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, biex iservi bħala bażi għal dibattitu interparlamentari u ċiklu politiku permanenti dwar id-DRF fi ħdan l-istituzzjonijiet. Il-Patt għad-DRF jieħu post l-approċċ erratiku, politiciżzat u influwenzat mill-kriżijiet li jikkarakterizza r-reazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE għall-isfidi tad-DRF fl-UE. Sfortunatament, il-Kunsill u l-Kummissjoni mhumiex qed jipparteċipaw fl-isforz biex jiġi stabbilit Patt għad-DRF. Fid-dawl tal-isfidi li qed jikbru tad-DRF fl-UE, bħal dawk enfazzjati bl-iskattar tal-proċeduri tal-Artikolu 7(1) tat-TUE, il-proċeduri ta' ksur u l-kawżi quddiem il-QĠUE, il-ħolqien ta' grupp ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt tal-PE u diversi seduti ta' smiġħ u riżoluzzjonijiet, huwa ċar li l-UE teħtieġ urġentement mekkaniżmu oġġettiv u permanenti biex tindirizza dawn l-isfidi fundamentali.

Fid-dawl ta' dan:

1. Il-Kunsill jaqbel li l-approċċ kurrenti mhuwiex sostenibbli, minħabba li ma setax jipprevjeni jew jindirizza b'mod effettiv ksur serju tal-Artikolu 2 tat-TUE?
2. Il-Kunsill jaqbel li l-Artikolu 7 tat-TUE waħdu mhuwiex biżżejjed għal reazzjoni effikaċi għal tali ksur, speċjalment jekk aktar minn Stat Membru wieħed ikun soġġett għal proċedura skont dan l-artikolu, u li, għaldaqstant, jenħtieġ mekkaniżmu interistituzzjonali permanenti biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jikbru tad-DRF?
3. Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt fil-baġit tal-Unjoni<sup>2</sup>, il-Kunsill jaqbel mal-pożizzjoni mfissra fl-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>3</sup> li jenħtieġu aktar speċifikazzjoni tas-sorsi u linji gwida biex jiġu determinati nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u li l-Patt għad-DRF jipprovdi mekkaniżmu adatt għall-fini tad-determinazzjoni ta' tali nuqqasijiet?
4. Il-Kunsill jappoġġja l-istabbiliment ta' Patt għad-DRF, speċjalment jekk il-Kummissjoni tipproponih fil-komunikazzjoni li jmiss tagħha dwar l-istat tad-dritt?

Imressqa: 3.10.2018

Mgħoddija: 4.10.2018

L-iskadenza għat-tweġiba: 25.10.2018

<sup>1</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali – Testi adottati, P8\_TA(2016)0409.

<sup>2</sup> Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, COM(2018)0324, 2 ta' Mejju 2018.

<sup>3</sup> Qorti Ewropea tal-Awdituri, Opinjoni 1/2018, 17 ta' Lulju 2018.